**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 22/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1688/2000)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent li permezz tiegħu jippremetta:

1. Illi r-rikorrenti kienet izzewget lill-konvenut nhar il-21 ta' Ottubru 2000 (Dok A) u miz-zwieg taghhom twieldet tifla, E li twieldet fil-25 ta' Gunju 2001;
2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri nhar l-4 ta' Novembru 2021 (Dok B anness);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin; filwaqt li t-tifla qed tistenna li taghmel l-ezamijiet sabiex tidhol mal-Forzi Armati ta' Malta;

4. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum-il gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghalxiex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

Illi huwa jaqbel mal-fatti kif esposti fir-rikors ta’ Pauline Mercieca fl-intier taghhom u jiddikjara li jaqbel li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

Illi l-intimat jissottometti li fic-cirkostanzi m’ghandu jbati l-ebda spejjez.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimat qed jitlob umilment lil din il-qorti tilqa` t-talbiet fl-intier taghhom tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Frar 2022;

Rat illi r-risposta tal-intimat;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Novembru 2021 u *de facto* separati ghal aktar minn sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.